Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) permezz ta' digriet mogħti fl-10 ta' Jannar 2008, fl-atti ta' l-ittra uffiċjali numru 6693/07, fl-ismijiet Fogg Insurance Agencies Limited vs Marianne Delia et, ordnat is-segwenti pubblikjazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' l-intimat, a tenur ta' l-artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' ittra uffiċjali ppreżentata fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) lil Marianne Delia u Elton Delia ta' 18, Triq l-Iżbark tat-Torok, Birżebbuġa, fis-27 ta' Novembru 2007, Fogg Insurance Agencies Limited (C-597) għan-nom u in rappreżentanża tas-soċjetà estera Argus Insurance Company (Europe) Limited ta' Britannia House, Old Bakery Street, Valletta, filwaqt li tagħmel riferenza għall-inċident awtomobilistiku li seħħ fl-1 ta' Mejju 2007 fi Triq San Tumas, Fgura, illi Elton Delia kien involut fih bil-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni CAJ-579, assigurata minn Marianne Delia mal-mittenti, tinformakom għall-finijiet u l-effetti kollha tal-Liġi illi, stante illi jidher kjarament illi Elton Delia kien ħati għall-akkadut, hija fi ħsiebha tħallas lit-terzi involuti, u cioè Elmo Insurance Limited u Etienne Cordina l-ammont ta' danni minnhom reklamat ammontanti għal €l,261.19 (Lm541.43) malli jiġu ppreżentati d-dokumentazzjoni u r-riċevuti relattivi.

Il-mittenti tinformakom illi f'każ illi intom topponu tali pagament hija xorta waħda jista' jkollha teffettwa l-pagament skond il-liġi (Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta) u wara tipproċedi kontra tagħkom b'kawża għall-ħlas ta' l-ispejjeż legali u ġudizzjarji kollha u l-interessi li hija tista' tiġi kkundannata li tħallas għan-nom tagħkom.

Fl-aħħar nett, mingħajr preġudizzju għal dak kollu fuq premess, il-mittenti tinterpellakom sabiex fi żmien tlett (3) ijiem tottemperaw ruħkom mal-kundizzjonijiet tal-polza relattiva u tħallsuha l-ammont minnkom dovut in linea ta' excess payment in konnessjoni ma' l-istess inċident.

Dina l-ittra uffiċjali qiegħda ssir għall-finijiet u l-effetti kollha tal-Liġi u senjatament tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta.

Bl-ispejjeż u interessi legali.

Tant biex tagħrfu tirregolaw ruħkom.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) illum 21 ta' Frar 2008.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that the Court of Magistrates (Malta) by means of a decree given on the 10th January 2008, in the records of the judicial letter number 6693/07, in the names Fogg Insurance Agencies Limited vs Marianne Delia et, ordered the following publication for the purpose of service of the respondent, in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

By means of a judicial letter filed in the Court of Magistrates (Malta) against Marianne Delia and Elton Delia of 18, Triq l-Iżbark tat-Torok, Birżebbugia, on the 27th November 2007, Fogg Insurance Agencies Limited (C-597) for and on behalf of the foreign company Argus Insurance Company (Europe) Limited, whilst referring to the traffic accident which occured on the 1st May 2007 in Triq San Tumas, Fgura, Elton Delia was involved with his vehicle with registration number CAJ-579, insured by Marianne Delia with the interpellant, informs you for all the purposes and effects of Law, that Elton Delia is clearly guilty for the accident, it has the intention to pay the third party involved, that is Elmo Insurance Limited and Etienne Cordina the amount due to them of €1,261.19 (Lm541.43) as soon as all the relative documents and receipts are presented.

The interpellant informs you that if you oppose for such paymnent it shall still have to effect such payment according to law (Chapter 104 of the Laws of Malta) and after proceed against you with a suit for all legal and judicial expenses and the interests that it has to pay on your behalf.

At the end, without any prejudice for all that premised the interpellant calls upon you so that within three (3) days you abide with the conditions of the relative policy and you pay the amount due by you regarding the excess payment in connection with the said accident.

This judicial letter is being made for all effects and purposes of law especially but not exclusively of Chapter 104 of the Laws of Malta.

With costs and legal interest.

So much so that you may know how to regulate yourself.

Registry of the Court of Magistrates (Malta) today 21st February 2008.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

320

Ikun jaf kulħadd, illi b'digriet tat-20 ta' Marzu 2007, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, ordnat il-pubblikazzjoni tal-bandu li jidher hawn taħt għall-finijie*t ta' l-Artikolu 931(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Marixxall tal-Qorti

Billi b'digriet mogħti minn din il-Qorti fid-20 ta' Marzu, 2007, fuq talba ta' Thomas Michael Boden ġie ordnat biex jintgħażlu Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw lis-sidien mhux magħrufa, fl-att taċ-Ċedola ta' Depożitu u kontestwali fidi ta' ċens fl-ismijiet Thomas Michael Boden vs Kuraturi Deputati u fl-atti l-oħra relattivi u sussegwenti.

Permezz ta' Rikors ippreżentat fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-16 ta' Marzu 2007, fl-ismijiet Thomas Michael Boden consultant, son of Gerolf and Hannelore neé Beckert born Rackelwitz, Germany Identity Card no. 0027551A vs Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw lis-sidien mhux magħrufa, l-esponent Thomas Michael Boden jesponi bir-rispett:

Illi kontestwalment qed tiġi ppreżentata ċedola ta' fidi mill-esponent sabiex jinfeda ċ-ċens ...omissis... gravanti penthouse ...omissis... parti minn kumpless akbar bla numru uffiċjali imma bl-isem ta' "Blue Waters Residential Complex" f'Piscopo Macedonia Street, Xemxija Heights, limiti ta' San Pawl il-Baħar.

...omissis...

Għaldaqstant huwa umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha taħtar Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw lill-proprjetarji mhux magħrufa ta' dan id-dirett dominju oriġinali, u dana prevja l-ħruġ tas-soliti bandi u pubblikazzjoni ta' l-istess bandi fil-Gazzetta tal-Gvern u żewġ gazzetti ta' kuljum skond l-Artikolu 931(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Esponent: Thomas Michael Boden Flat 12, Block B, Blue Waters Residential Complex, Piscopo Macedonia Street, Xemxija l/o St Paul's Bay.

Notifiki: Notifika fil-Gazzetta tal-Gvern

Inti għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti Superjuri, u ssejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala Kuratur biex jidher fi żmien sitt ijiem f'dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

It is notified that, by a decree dated 20th March 2007, the Civil Court First Hall ordered the publication of the bann shown hereunder for the purposes of Article 931 (3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Kap. 12).

Bann for Curators

Republic of Malta

To the Marshall of the Court

Whereas by a decree given by this Court on the 20th March 2007, following a request by Thomas Michael Boden it was ordered that Deputy Curators be chosen to represent unknown owners, in the records of the Schedule of Deposit and contextual redemption of groundrent in the names Thomas Michael Boden vs Deputy Curators and in the relative and subsequent acts.

By means of the Application filed in the First Hall Civil Court on the 16 March 2007, in the names Thomas Michael Boden consultant, son of Gerolf and Hannelore neé Beckert born Rackelwitz, Germany Identity Card no. 0027551A vs Deputy Curators to represent unknown owners, the applicant Thomas Michael Boden pleaded with respect:

That contextually a Schedule of Deposit is being filed by the applicant for the redemption of groundrent ...omissis...imposed on a penthouse ...omissis...part of a larger complex without an official number but named "Blue Waters Residential Complex" in Piscopo Macedonia Street, Xemxija Heights, limits of Saint Paul's Bay.

...omissis...

Therefore he humbly prays that this Honourable Court appoints Deputy Curators to represent the unknown owners of this original direct dominium, and this saving the issue of the usual banns and the publication of the same banns in the Government Gazette and two other daily newspapers according to section 931(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Applicant: Thomas Michael Boden, Flat 12, Block B, Blue Waters Residential Complex, Piscopo Macedonia Street, Xemxija l/o St Paul's Bay.

Notify: Notification in the Government Gazette.

Your are therefore ordered to affix an official copy of this bann of this Superior Court and to summon whosoever wishes to act as curator to appear before this Registry within six days and by means of a minute to submit a declaration that he wishes so to act.

Int ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħżel Kuraturi ta' l-Uffiċċju.

U wara li tkun għamilt dana, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-eżekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti Ċivili Prim'Awla hawn fuq imsemmija bix-xhieda ta' l-Onor. Imħallef Abigail Lofaro, LL.D.

Illum 20 ta' Marzu, 2007.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 21 ta' Frar 2007.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

You are also ordered to inform each one that if he fails to make this declaration within the stipulated time, the Court will proceed to the selection of Curators of Office.

And after so acting or if you should encounter any difficulty in the execution of the said bann, you are to inform forthwith this Court.

Given by the Civil Court First Hall above mentioned with the witness of the Hon. Madam Justice Abigail Lofaro, LL.D.

Today 20th March, 2007.

Registry of the Superior Courts, today 21st February 2007.

ADV. DR FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

321

Ikun jaf kulħadd, illi l-Qorti tal-Maġistrati ta' Malta, permezz ta' digriet mogħti fl-10 ta' Ottubru, 2006, fl-atti ta' l-Ittra Uffiċjali numru 6762/06, fl-ismijiet Bank of Valletta p.l.c. kontra Sandro Darmanin (ID Nru 389870 M) ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' l-intimat Sandro Darmanin, a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap 12.

Permezz ta' l-Ittra Uffiċjali ppreżentata fil-5 ta' Settembru 2006 fl-ismijiet Bank of Valletta p.l.c. kontra Sandro Darmanin (ID Nru. 389870 M) is-soċjetà Bank of Valletta p.l.c. interpellat lill-intimat sabiex fi żmien jumejn inti tħallas is-somma ta' €1,142.95 (Lm490,67) bilanċ għad-debitu fil-"Loan Account" tiegħu mal-Bank of Valletta p.l.c. flimkien ma' l-imgħaxijiet ulterjuri, mit-25 ta' April 2006 sad-data ta' l-effettiv pagament.

Is-soċjetà mittenti tavżak illi jekk inti tonqos hija se tkun kostretta tipproċedi kontra tiegħek skond il-liġi.

Soċjetà Mittenti: Bank of Valletta p.l.c.
173, St. Christopher Street, Valletta.

Notifika: Sandro Darmanin (ID Nru. 389870 M)
Pebbles, Triq il-Granmastri, Marsaskala.

Reġistru tal-Qrati Maġistrati (Malta), illum 21 ta' Frar 2008.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified, that the Court of Magistrates (Malta), by means of a decree given on the 10 October, 2006, in the records of the Judicial letter, number 6762/06, in the names Bank of Valletta p.l.c against Sandro Darmanin (ID No. 389870 M) has ordered the publication for the purpose of service of the respondent Sandro Darmanin, in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

By means of the Judicial letter, filed on 5 September 2006, in the names Bank of Valletta p.l.c. against Sandro Darmanin (ID No. 389870 M) the company Bank of Valletta p.l.c. called upon the respondent so that within two days you pay the sum of €1,142.95 (Lm490.67) balance of the debit in your Loan Account with Bank of Valletta p.l.c. together with additional interests from the 25th April 2006, until the date when payment is effected.

The interpellant company warns you that if you fail to do so it will be constrained to proceed against you according to law.

Interpellant Company: Bank of Valletta p.l.c.
173, St. Christopher Street, Valletta.

Notify: Sandro Darmanin (ID No. 389870 M)
Pebbles, Triq il-Granmastri, Marsaskala.

Registry of the Court of Magistrates (Malta), today 21st February 2008.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

322

B'digriet mogħti mill-QORTI ĊIVILI, PRIM' AWLA fit-2 ta' Frar, 2008 fuq rikors ta' APS Bank Limited ġie ffissat il-jum tal-Ħamis, 22 ta' Mejju, 2008 mid-9.00 a.m. sa nofsinhar għall-BEJGĦ BL-IRKANT li kien ġie ordnat b'digriet mogħti fl-14 ta' Mejju, 2007 li għandu jsir fl-ewwel sular ta' dawn il-Qrati tal-Ġustizzja, Triq ir-Repubblika, Valletta tal-fond hawn taħt deskritt.

Nofs indiviż ta' l-utile dominium perpetwu fuq il-fond bin-numru tmienja u għoxrin (28), ġa numru għoxrin (20), fi Triq il-Mensija San Ġiljan, kif soġġetta għall-ħlas taċ-ċens annwu ta' €5.24 (Lm2.25), bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha tiegħu stmat li jiswa €87,351 (Lm37,500).

L-imsemmi nofs indiviż huwa proprjetà ta' Emanuel Spiteri (KI 23445G).

N.B. L-imsemmi fond jinbiegħ bħalma ġie deskritt mill-AIC Vincent Ciliberti fir-relazzjoni tiegħu maħlufa fit-30 ta' Jannar, 2008.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 19 ta' Frar, 2008.

ALAN K. ZERAFA, B.A. (HONS.), M.A.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By decree given by the CIVIL COURT, FIRST HALL on 2nd February, 2008 on the application of APS Bank Limited, Thursday 22nd May, 2008 from 9.00 a.m. to twelve noon, has been fixed for the SALE BY AUCTION ordered by a decree given on the 14th May, 2007 to be held in the first floor of these Law Courts, Republic Street, Valletta of the following property.

Half undivided share of the utile perpetual dominium of tenement numbered twenty eight (28), formerly twenty (20), in Mensija Road, St. Julians, subject to an annual ground rent of €5.24 (Lm2.25), with all its rights and appurtenances valued at €87,351 (Lm37,500).

The said half undivided share is the property of Emanuel Spiteri (ID 23445G).

N.B. The said tenement will be sold as described in the report sworn by AIC Vincent Ciliberti on 30th January, 2008.

Registry of the Superior Courts, this 19th February, 2008.

ALAN K. ZERAFA, B.A. (HONS.), M.A.
For the Registrar Civil Courts and Tribunals

323

B'digriet mogħti mill-QORTI ĊIVILI, PRIM' AWLA fit-22 ta' Jannar, 2008 fuq rikors ta' Bank of Valletta Plc ġie ffissat il-jum tal-Ħamis, 15 ta' Mejju, 2008 mid-9.00 a.m. sa nofsinhar għall-BEJGĦ BL-IRKANT li kien ġie ordnat b'digriet mogħti fis-27 ta' Awissu, 2007 li għandu jsir fl-ewwel sular ta' dawn il-Qrati tal-Ġustizzja, Triq ir-Repubblika, Valletta tal-fond hawn taħt deskritt.

Flat internament immarkat bin-numru tlieta (3) formanti parti minn blokk ta' flats bla numru bl-isem "Brothers Flats", f'Fuxa Street, San Ġwann, liberu u frank, bid-drittijiet u pertinenzi kollha tiegħu, stmat li jiswa €151,409 (Lm65,000).

L-imsemmi fond huwa proprjetà ta' Justin (KI 373859M) u Therese (KI 1192A) konjuġi Tabone.

N.B. L-imsemmi fond jinbiegħ bħalma ġie deskritt mill-AIC Joseph Sapienza fir-relazzjoni tiegħu maħlufa fl-14 ta' Jannar, 2008.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 18 ta' Frar, 2008.

ALAN K. ZERAFA, B.A. (HONS.), M.A.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By decree given by the CIVIL COURT, FIRST HALL on 22nd January, 2008 on the application of Bank of Valletta Plc, Thursday 15th May, 2008 from 9.00 a.m. to twelve noon, has been fixed for the SALE BY AUCTION ordered by a decree given on the 27th August, 2007 to be held in the first floor of these Law Courts, Republic Street, Valletta of the following property.

Flat internally marked with number three (3) forming part of an unnumbered block of flats named "Brothers Flats", Fuxa Street, San Ġwann, free and unencumbered, with all its rights and appurtenances, valued at €151,409 (Lm65,000).

The said tenement is the property of Justin (ID 373859M) and Therese (ID 1192A) spouses Tabone.

N.B. The said tenement will be sold as described in the report sworn by AIC Joseph Sapienza on 14th January, 2008.

Registry of the Superior Courts, this 18th February, 2008.

ALAN K. ZERAFA, B.A. (HONS.), M.A.
For the Registrar Civil Courts and Tribunals

324

B'digriet mogħti mill-QORTI ĊIVILI, PRIM' AWLA fit-18 ta' Jannar, 2008 fuq rikors ta' Bank of Valletta Plc ġie ffissat il-jum tal-Ħamis, 17 ta' April, 2008 mid-9.00 a.m. sa nofsinhar għall-BEJGĦ BL-IRKANT li kien ġie ordnat b'digriet tat-23 ta' Novembru, 2005 li għandu jsir fl-ewwel sular ta' dawn il-Qrati tal-Ġustizzja, Triq ir-Repubblika, Valletta tal-fond hawn taħt deskritt.

1. Fond bin-numru 10 li jismu 'Holy Family', Triq il-Kbira, Rabat, soġġett għaċ-ċens annwu u perpetwu ta' €55.90 (Lm24), stmat li jiswa €139,762.40 (Lm60,000).

L-imsemmi propjetà jappartjenu lil Alfred (KI 188263M) u Hilda (KI 768258M) konjuġi Azzopardi.

N.B. L-imsemmi fond jinbiegħ bħalma ġie deskritt mill-AIC Godwin P. Abela fir-relazzjoni tiegħu maħlufa fit-8 ta' Awissu, 2006.

N.B. Il-propjetà li ser tinbiegħ f'dan l-irkant tkun liberata b'kull offerta.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 7 ta' Frar, 2008.

ALAN K. ZERAFA, B.A. (HONS.), M.A.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By decree given by the CIVIL COURT, FIRST HALL on 18th January, 2008 on the application of Bank of Valletta Plc, Thursday 17th April, 2008 from 9.00 a.m. to twelve noon, has been fixed for the SALE BY AUCTION ordered by a degree given on the 23rd November, 2005 to be held in the first floor of these Law Courts, Republic Street, Valletta of the following property.

1. Tenement with number 10 named 'Holy Family', Main Street, Rabat, subject to an annual and perpetual ground rent of €55.90 (Lm24), valued at €139,762.40 (Lm60,000).

The said property belongs to Alfred (ID 188263M) and Hilda (ID 768258M) spouses Azzopardi.

N.B. The said tenement will be sold as described in the report sworn by AIC Godwin P. Abela on 8th August, 2006.

N.B. The property sold in this auction will be adjudicated for any offer.

Registry of the Superior Courts, this 7th February, 2008.

ALAN K. ZERAFA, B.A. (HONS.), M.A.
For the Registrar Civil Courts and Tribunals

325

B'digriet mogħti mill-QORTI ĊIVILI, PRIM' AWLA fl-24 ta' Jannar, 2008 fuq rikors ta' Bank of Valletta Plc ġie ffissat il-jum tal-Ħamis, 6 ta' Marzu, 2008 mid-9.00 a.m. sa nofsinhar għall-BEJGĦ BL-IRKANT li kien ġie ordnat b'digriet mogħti fil-31 ta' Awissu, 2004 li għandu jsir fl-ewwel sular ta' dawn il-Qrati tal-Ġustizzja, Triq ir-Repubblika, Valletta tal-fond hawn taħt deskritt.

Il-fond numerat 220, magħruf bħala 'Seacliff Bar & Restaurant', Tower Road, Sliema, soġġett għas-subċens annwu u perpetwu ta' €726.76 (€312), stmat li jiswa €1,747,030.05 (Lm750,000).

L-imsemmi fond huwa proprjetà ta' Sliema Front Limited (C4988).

N.B. L-imsemmi fond jinbiegħ bħalma ġie deskritt mill-AIC Guido Vella fir-relazzjoni tiegħu maħlufa fid-19 ta' Novembru, 2004.

N.B. Il-propjetà li se tinbiegħ f'dan l-irkant tkun liberata b'kull offerta.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 28 ta' Jannar, 2008.

ALAN K. ZERAFA, B.A. (HONS.), M.A.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By decree given by the CIVIL COURT, FIRST HALL on 24th January, 2008 on the application of Bank of Valletta Plc, Thursday 6th March, 2008 from 9.00 a.m. to twelve noon, has been fixed for the SALE BY AUCTION ordered by a decree given on the 31st August, 2004 to be held in the first floor of these Law Courts, Republic Street, Valletta of the following property.

Tenement numbered 220, known as 'Seacliff Bar & Restaurant', Tower Road, Sliema, subject to an annual and perpetual ground rent of €726.76 (€312), valued at €1,747,030.05 (Lm750,000).

The said tenement is the property of Sliema Front Limited (C4988).

N.B. The said tenement will be sold as described in the report sworn by AIC Guido Vella on 19th November, 2004.

N.B. The property sold in this auction will be adjudicated for any offer.

Registry of the Superior Courts, this 28th January, 2008.

ALAN K. ZERAFA, B.A. (HONS.), M.A.
For the Registrar Civil Courts and Tribunals

326

B'digriet mogħti mill-QORTI ĊIVILI, PRIM' AWLA fl-24 ta' Jannar, 2008 fuq talba ta' HSBC Bank Malta Plc ġie ffissat il-jum tat-Tlieta, 20 ta' Mejju, 2008 mid-9.00 a.m. sa nofsinhar għall-BEJGĦ BL-IRKANT li kien ġie ordnat b'digriet tat-13 ta' Ġunju, 2005 li għandu jsir fl-ewwel sular ta' dawn il-Qrati tal-Ġustizzja, Triq ir-Repubblika, Valletta tal-fond hawn taħt deskritt.

Barriera numru tnejn u tletin (32), Triq Santa Katerina, Misraħ Suffara, b'aċċess ieħor minn sqaq, limiti tar-Rabat, Malta, tal-kejl superfiċjali ta' madwar erbgħa u sittin elf metru kwadru (64,000mk), konfinanti mix-Xlokk minn Triq Santa Katerina, mit-Tramuntana parti minn Triq tal-Lunzjata u parti minn propjetà ta' l-Uffiċċju Konġunt u mil-Lvant minn propjetà ta' John Grima, altrimenti libera u franka bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha tagħha, inklużi xi bini li jistgħu jkunu kostruwiti fiha u dawn bla numru, stmata li tiswa Lm540,000 (€1,257,861.64).

L-imsemmija barriera hija propjetà ta' Tlata Limited (C16319)

N.B. L-imsemmija barriera tinbiegħ bħalma ġiet deskritta mill-AIC Mario Cassar fir-relazzjoni tiegħu maħlufa fl-14 ta' Mejju 2007.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 18 ta' Frar, 2008.

ALAN K. ZERAFA B.A. (HONS), M.A.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By decree given by the CIVIL COURT, FIRST HALL on 24th January, 2008 on the application of HSBC Bank Malta Plc, Tuesday 20th May, 2008 from 9.00 a.m. to twelve noon, has been fixed for the SALE BY AUCTION ordered by a decree given on the 13th June, 2005 to be held in the in the first floor of these Law Courts, Republic Street, Valletta of the following property.

Quarry number thirty-two (32), Santa Katerina Street, Suffara Square, accessible also from an alley, limits of Rabat, Malta, measuring a surface of around sixty-four thousand meter squared (64,000ms), confined by Santa Katerina street from the South East, by a part of Lunzjata Street and a part of a Joint Office property from the North and by John Grima's property from the East, otherwise free and unencumbered with all it's rights and belongings, including any possible unnumbered buildings within, valued at Lm540,000 (€1,257,861.64).

The said quarry is the property of Tlata Limited (C16319).

N.B. The said tenement will be sold as described in the report sworn by AIC Mario Cassar on 14th May 2007.

Registry of the Superior Courts, this 18th February, 2008.

ALAN K. ZERAFA, B.A. (HONS), M.A.
For the Registrar Civil Courts and Tribunals

327

B'digriet mogħti mill-QORTI ĊIVILI, PRIM' AWLA fid-19 ta' Frar, 2008 fuq rikors ta' STERLING CAR RENTALS LTD ġie ffissat il-jum ta' l-Erbgħa, 7 ta' Mejju, 2008 mid-9.00 a.m. sa nofsinhar għall-BEJGĦ BL-IRKANT li kien ġie ordnat b'digriet tad-19 ta' Frar, 2008 li għandu jsir f'149, TRIQ ID-DEJQA, VALLETTA ta' l-oġġetti hawn taħt deskritti maqbudin mingħand CACHIA CLINTON.

Salott, mejda, televisions, computer, DVD's u xi affarijiet oħra.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum il-Ħamis, 21 ta' Frar, 2008.

MICHAEL PORTELLI
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

By decree given by the CIVIL COURT, FIRST HALL on 19th February, 2008 on the application of STERLING CAR RENTALS LTD, Wednesday, 7th May, 2008 from 9.00 a.m. to twelve noon, has been fixed for the SALE BY AUCTION ordered by a decree given on the 19th February, 2008 to be held at 149, STRAIT STREET, VALLETTA of the following items seized from the property of CACHIA CLINTON.

Sitting room suite, table, televisions, computer, DVD's and other items.

Registry of the Superior Courts, this Thursday, 21st February, 2008.

MICHAEL PORTELLI
For the Registrar of Civil Courtsand Tribunals

328

B'digriet mogħti mill-QORTI ĊIVILI, PRIM'AWLA fid-29 ta' Jannar, 2008 fuq rikors ta' Francis Busuttil & Sons Limited ġie ffissat il-jum tat-Tlieta, 20 ta' Mejju, 2008 mid-9.00 a.m. sa nofsinhar għall-BEJGĦ BL-IRKANT li kien ġie ordnat b'digriet tad-29 ta' Novembru, 2006 li għandu jsir fl-ewwel sular ta' dawn il-Qrati tal-Ġustizzja, Triq ir-Repubblika, Valletta tal-fond hawn taħt deskritt.

1. L-appartament numru wieħed immarkat bl-ittra A, fit-tielet livell ta' kumpless akbar magħruf bħala "The Gables", Triq Raddet ir-Roti, Xemxija, San Pawl il-Baħar, stmat li jiswa' €202,189 (Lm86,800).

2. Il-Garaxx bin-numru 27 fil-livell numru 1 tal-kumpless fuq imsemmi, Triq Raddet ir-Roti, Xemxija, San Pawl il-Baħar, stmat li jiswa' €29,117.17 (Lm12,500).

L-imsemmi fond huwa proprjetà ta' Eric (KI 533674M) u Rita (KI 106987M) konjuġi Borg.

N.B. L-imsemmi fond jinbiegħ bħalma ġie deskritt mill-AIC David Pace fir-relazzjoni tiegħu maħlufa fit-13 ta' Novembru, 2006.

N.B. Il-propjetà li se tinbiegħ f'dan l-irkant tkun liberata b'kull offerta.

Registru tal-Qrati Superjuri, illum 18 ta' Frar, 2008.

ALAN K. ZERAFA, B.A. (HONS), M.A.
Ghar-Registratur, Qrati Civili u Tribunali

By decree given by the CIVIL COURT, FIRST HALL on 29th January, 2008 on the application of Francis Busuttil & Sons Limited, Tuesday 20th May, 2008 from 9.00 a.m. to twelve noon, has been fixed for the SALE BY AUCTION ordered by a decree given on the 29th November, 2006 to be held in the in the first floor of these Law Courts, Republic Street, Valletta of the following property.

1. Apartment number one marked as letter A, on the third level of a complex known as 'The Gabbles', Raddet ir-Roti Street, St. Paul's Bay, valued at €202,189 (Lm86,800).

2. Garage number 27 on the first level of the above mentioned building complex, Raddet ir-Roti Street, St. Paul's Bay, valued at €29,117.17 (Lm12,500).

The said tenement is the property of Eric (ID 533674M) and Rita (ID 106987M) spouses Borg.

N.B. The said tenement will be sold as described in the report sworn by AIC David Pace on 13th November, 2006.

N.B. The property sold in this auction will be adjudicated for any offer.

Registry of the Superior Courts, this 18th February, 2008.

ALAN K. ZERAFA, B.A. (HONS), M.A.
For the Registrar Civil Courts and Tribunals

329

B'digriet mogħti mill-QORTI ĊIVILI, PRIM'AWLA fid-19 ta' Frar, 2008 fuq rikors ta' KUMMISSARJU TAL-VAT ġie ffissat il-jum tat-Tnejn, 5 ta' Mejju, 2008 mid-9.00 a.m. sa nofsinhar għall-BEJGH BL-IRKANT li kien ġie ordnat b'digriet tad-19 ta' Frar, 2008 li għandu jsir f'149, TRIQ ID-DEJQA, VALLETTA ta' l-oġġetti hawn taħt deskritti maqbudin mingħand SCIBERRAS MARIO ET.

Mejda u siġġijiet, salott, wall unit, television, żewġ kolonni, coffee tables u xi affarijiet oħra.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum il-Ħamis, 21 ta' Frar, 2008.

MICHAEL PORTELLI
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

By decree given by the CIVIL COURT, FIRST HALL on 19th February, 2008 on the application of KUMMISSARJU TAL-VAT, Monday, 5th May, 2008 from 9.00 a.m. to twelve noon, has been fixed for the SALE BY AUCTION ordered by a decree given on the 19th February, 2008 to be held at 149, STRAIT STREET, VALLETTA, of the following items seized from the property of SCIBERRAS MARIO ET.

Table and chairs, sitting room suite, wall unit, television, two columns, coffee tables and other items.

Registry of the Superior Courts, this Thursday, 21st February, 2008.

MICHAEL PORTELLI
For the Registrar of Civil Courts and Tribunals

330

AVVIŻ

MIR-REĠISTRU TAL-PRIM'AWLA
TAL-QORTI ĊIVILI

Illum 21 ta' Frar, 2008.

Billi Carmel u Georgia konjuġi Mifsud għal binthom minuri Ana-Maria Adelina Josephine Philippa ppreżentaw rikors numru 725/07 fl-ismijiet Carmel Mifsud pro et noe vs Direttur tar-Reġistru Pubbliku, li fih talbu l-korrezzjoni fl-att tat-twelid ta' binthom Ana-Maria Adelina Josephine Philippa.

Kull min jidhirlu li għandu interess, u jrid jopponi dawk it-talbiet, b'dan l-avviż hu msejjaħ sabiex ifisser il-fehma tiegħu, b'nota li għandha tiġi ppreżentata fir-Reġistru fuq imsemmi, fi żmien ħmistax-il ġurnata mill-ħruġ ta' dan l-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

Dawk illi, fiż-żmien fuq imsemmi, ikunu ppreżentaw dik in-nota għandhom jiġu notifikati b'kopja taċ-ċitazzjoni hawn fuq imsemmija, bil-ġurnata li tiġi mogħtija għas-smigħ tal-kawża.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 21 ta' Frar 2008.

B'ordni tal-Qorti,

FREDERICK STAGNO NAVARRA,
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

NOTICE

REGISTRY OF THE CIVIL COURT,
FIRST HALL

21st February, 2008.

Whereas Carmel and Georgia Mifsud on behalf of their daughter Ana-Maria Adelina Josephine Philippa have filed a writ of summons number 725/05 between Carmel Mifsud pro et noe and The Director of the Public Registry demanding correction in the registration of the birth of Ana-Maria Adelina Josephine Philippa.

Whosoever may have an interest therein, and wishes to oppose those demands, is hereby called upon to do so, by means of a note to be filed in the above-mentioned Registry within fifteen days from the day of the publication of this present notice in the Government Gazette.

Those who, within the aforesaid time, shall have filed such note, shall be notified by the service of a copy of the said writ of summons, of the day which will be appointed for the hearing of the cause.

Registry of the Superior Courts, this 21st day of February, 2008.

By order of the Court,

FREDERICK STAGNO NAVARRA,
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

331

B'digriet mogħti mill-QORTI ĊIVILI, PRIM' AWLA fid-19 ta' Frar, 2008 fuq rikors ta' GAFA SAVEWAYS LTD ġie ffissat il-jum tat-Tnejn, 5 ta' Mejju, 2008 mid-9.00 a.m. sa nofsinhar għall-BEJGĦ BL-IRKANT li kien ġie ordnat b'digriet tad-19 ta' Frar, 2008 li għandu jsir f'149, TRIQ ID-DEJQA, VALLETTA ta' l-oġġetti hawn taħt deskritti maqbudin mingħand DIPARTIMENT CORPORATE SERVICES.

Air conditioner, kabinett, skrivanija, friġġ u xi affarijiet oħra.

Registru tal-Qrati Superjuri, illum il-Ħamis, 21 ta' Frar, 2008.

MICHAEL PORTELLI
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

By decree given by the CIVIL COURT, FIRST HALL on 19th February, 2008 on the application of GAFA SAVEWAYS LTD, Monday, 5th May, 2008 from 9.00 a.m. to twelve noon, has been fixed for the SALE BY AUCTION ordered by a decree given on the 19th February, 2008 to be held at 149, TRIQ ID-DEJQA, VALLETTA of the following items seized from the property of DIPARTIMENT CORPORATE SERVICES.

Air conditioner, cabinet, desk, fridge and other items.

Registry of the Superior Courts, this Thursday, 21st February, 2008.

MICHAEL PORTELLI
For the Registrar of Civil Courts and Tribunals

332

AVVIŻ
MIR-REĠISTRU
TAL-PRIM' AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

Billi Ahmed Sherfid (KI 182396M) ippreżenta rikors ġuramentat (Nru. 149/08 AF) li fih talab il-KORREZZJONI TAR-REĠISTRAZZJONI TAT-TWELID tiegħu li jġib in-numru 1823/1996 fir-Reġistru Pubbliku.

Kull min jidhirlu li għandu interess u jrid jopponi dik it-talba, b'dan l-avviż huwa msejjaħ sabiex ifisser il-fehma tiegħu, b'nota li għandha tiġi ppreżentata fir-Reġistru ta' dawn il-Qrati fi żmien ħmistax-il ġurnata mill-ħruġ ta' dan l-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

Dawk illi, fiż-żmien fuq imsemmi, ikunu ppreżentaw dik in-nota, għandhom jiġu notifikati b'kopja tar-rikors ġuramentat hawn fuq imsemmija bil-ġurnata li tiġi mogħtija għas-smigħ tal-kawża.

B'ordni tal-Qorti,

Reġistru tal-Qorti Superjuri,
Illum 21 ta' Frar, 2008.

GLADYS BUGEJA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

NOTICE
REGISTRY OF THE
CIVIL COURT, FIRST HALL

Whereas Ahmed Sherfid (ID 182396M) filed a sworn application (No. 149/08 AF) demanding CORRECTION of the REGISTRATION of BIRTH number 1823/1996 in the Public Registry.

Whosoever may have an interest therein, and wishes to oppose that demand, is hereby called upon to do so, by means of a note to be filed in the Registry of these Courts, within fifteen days from the day of the publication of this present notice in the Government Gazette.

Those who, within the aforesaid time, shall have filed such note, shall be notified by the service of a copy of the said sworn application, of the day which will be appointed for the hearing of the cause.

By order of the Court,

Registry of the Superior Court,
This 21st of February, 2008.

GLADYS BUGEJA
For Registrar, Civil Courts and Tribunals

333

B'digriet mogħti mill-QORTI ĊIVILI, PRIM' AWLA fi 19 ta' Frar, 2008 fuq rikors ta' BORG JOSEPH ġie ffissat il-jum ta' it-Tlieta, 11 ta' Marzu, 2008 mid-9.00 a.m. sa nofsinhar għall-BEJGĦ BL-IRKANT li kien ġie ordnat b'digriet tas-6 ta' Marzu, 2007 li għandu jsir f'FRANCIS CAMILLERI WOODWORKS, WARDA, TRIQ IX-XITWA, QORMI, tal-oġġetti hawn taħt deskritti maqbudin mingħand FRANCIS CAMILLERI WOODWORKS.

1. Overhead router, electric sander, 2 lupi waħda tal-elettriku, u affarijiet oħra simili.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum il-Ħamis, 21 ta' Frar, 2008.

MICHAEL PORTELLI
Għar-Reġistratur tal-Qrati

By decree given by the CIVIL COURT, FIRST HALL on 19 February, 2008 on the application of BORG JOSEPH, Tuesday, 11 March, 2008 from 9.00 a.m. to twelve noon, has been fixed for the SALE BY AUCTION ordered by a decree given on the 6th March, 2007 to be held at FRANCIS CAMILLERI WOODWORKS, WARDA, TRIQ IX-XITWA, QORMI, of the following items seized from the property of FRANCIS CAMILLERI WOODWORKS.

1. Overhead router, electric sander, 2 bandsaw one electric and other similar items.

Registry of the Superior Courts, this Thursday, 21 February, 2008.

MICHAEL PORTELLI
For the Registrar of Courts

334

AVVIŻ
MIR-REĠISTRU
TAL-PRIM' AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

Billi Marisa Gatt (KI 491876M) għan-nom tagħha u in rappreżentanza ta' Anton Cristina ppreżentaw rikors ġuramentat (Nru. 160/08 AF) li fih talbu l-KORREZZJONI TAR-REĠISTRAZZJONI TAT-TWELID tagħhom li jġibu n-numri 5689/1974 u 4918/1976 fir-Reġistru Pubbliku.

Kull min jidhirlu li għandu interess u jrid jopponi dik it-talba, b'dan l-avviż huwa msejjaħ sabiex ifisser il-fehma tiegħu, b'nota li għandha tiġi ppreżentata fir-Reġistru ta' dawn il-Qrati fi żmien ħmistax-il ġurnata mill-ħruġ ta' dan l-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

Dawk illi, fiż-żmien fuq imsemmi, ikunu ppreżentaw dik in-nota, għandhom jiġu notifikati b'kopja tar-rikors ġuramentat hawn fuq imsemmija bil-ġurnata li tiġi mogħtija għas-smigħ tal-kawża.

B'ordni tal-Qorti,

Reġistru tal-Qorti Superjuri,
Illum 21 ta' Frar, 2008.

GLADYS BUGEJA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

NOTICE
REGISTRY OF THE
CIVIL COURT, FIRST HALL

Whereas Marisa Gatt (ID 491876M) in her name and on behalf of Anton Cristina filed a sworn application (No. 160/08 AF) demanding CORRECTION of the REGISTRATION of their BIRTH numbers 5689/1974 and 4918/1976 in the Public Registry.

Whosoever may have an interest therein, and wishes to oppose that demand, is hereby called upon to do so, by means of a note to be filed in the Registry of these Courts, within fifteen days from the day of the publication of this present notice in the Government Gazette.

Those who, within the aforesaid time, shall have filed such note, shall be notified by the service of a copy of the said sworn application, of the day which will be appointed for the hearing of the cause.

By order of the Court,

Registry of the Superior Court,
This 21st of February, 2008.

GLADYS BUGEJA
For Registrar, Civil Courts and Tribunals

335

AVVIŻ
MIR-REĠISTRU
TAL-PRIM' AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

Billi Cristina Cristina (KI 89647G) ippreżentat rikors ġuramentat (Nru. 159/08 AF) li fih talbet il-KORREZZJONI TA' L-ATT TAŻ-ŻWIEĠ tagħha li jġib in-numru 2180/1973 fir-Reġistru Pubbliku.

Kull min jidhirlu li għandu interess u jrid jopponi dik it-talba, b'dan l-avviż huwa msejjaħ sabiex ifisser il-fehma tiegħu, b'nota li għandha tiġi ppreżentata fir-Reġistru ta' dawn il-Qrati fi żmien ħmistax-il ġurnata mill-ħruġ ta' dan l-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

Dawk illi, fiż-żmien fuq imsemmi, ikunu ppreżentaw dik in-nota, għandhom jiġu notifikati b'kopja tar-rikors ġuramentat hawn fuq imsemmija bil-ġurnata li tiġi mogħtija għas-smigħ tal-kawża.

B'ordni tal-Qorti,

Reġistru tal-Qorti Superjuri,
Illum 21 ta' Frar, 2008.

GLADYS BUGEJA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

NOTICE
REGISTRY OF THE
CIVIL COURT, FIRST HALL

Whereas Cristina Cristina (ID 89647G) filed a sworn application (No. 159/08 AF) demanding CORRECTION in the ACTS OF MARRIAGE No. 2180/1973 in the Public Registry.

Whosoever may have an interest therein, and wishes to oppose that demand, is hereby called upon to do so, by means of a note to be filed in the Registry of these Courts, within fifteen days from the day of the publication of this present notice in the Government Gazette.

Those who, within the aforesaid time, shall have filed such note, shall be notified by the service of a copy of the said sworn application, of the day which will be appointed for the hearing of the cause.

By order of the Court,

Registry of the Superior Court,
This 21st of February, 2008.

GLADYS BUGEJA
For Registrar, Civil Courts and Tribunals

336

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet mogħti fis-22 ta' Frar, 2008 mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri Sezzjoni Ġenerali ġiet ordnata din il-pubblikazzjoni.

B'rikors ippreżentat fil-5 ta' Frar, 2008 fil-Qorti hawn fuq imsemmija minn Angelo Said u oħrajn, Rikors numru 11/2008 (Rikors ai termini ta' l-Artikolu 495A tal-Kodiċi Civili) ġiet mitluba l-awtorizzazzjoni tal-Qorti sabiex is-sehem spettanti lil intimati aħwa Mario u Emanuel Said, mill-fond konsistenti f'garaxx mingħajr numru jew isem Uffiċjali fi Triq Ħanaq, Nadur, Għawdex, bil-kejl ta' ċirka disgħa u sebgħin metru kwadru (79mk) kif muri fuq il-pjanta u s-site plan annessa u mmarkata Dokument AM, li oriġinarjament jappartjeni lill-antenati tal-kontendenti kollha, ħlief Tarcisio u Mary Carmen konjugi Said, u cioé Angelo u Margaret konjugi Said, jinbiegħ fit-termini tal-konvenju esebit ma' l-istess rikors u market bħala document AL.

Is-sehem totali spettanti lill-persuni hawn fuq indikati huwa ta' wieħed minn sitta u tletin lil Mario Said, u wieħed minn sitta u tletin (1/36) lil Emanuel Said u s-sehem spettanti lilhom mill-prezz globali ta' €69,881.20 (Lm30,000) huwa għalhekk ta' €1,941.13 (Lm833.33).

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex).

Illum 22 ta' Frar, 2008.

FRANCIS ATTARD
Għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali (Għawdex)

It is hereby notified that by virtue of a decree dated 22nd February, 2008 delivered by the Court of Magistrates (Gozo), Superior Jurisdiction, General Section, the Court ordered the following publication :

By virtue of an application filed on the 5th February, 2008 in the abovementioned Court by Angelo Said and others, Application number 11/2008 (Application in terms of Article 495A of the Civil Code), the Court was asked to give its authorisation for the sale of the share pertaining to Mario And Emanuel Said, of the premises consisting of garage without number or official name, situated at Ħanaq Street, Nadur, Gozo, measuring about seventy nine metres squared (79 mk) as shown on plan and site plan marked as document AM, originally pertaining to the ancestors of all the contendants, except Tarcisia and Carmen married Said, and that is Angelo and Margaret married Said, to be sold in terms of the promise of sale agreements exhibited in the records of said application marked as document AL.

The total share vesting in the aforementioned persons is of one thirty six (1/36) to Mario Said and one of thirty six (1/36) to Emanuel Said, and their share out of the total price of €69,881.20 (Lm30,000) is therefore €1,941.13 (Lm833.33).

Registry of the Court of Magistrates (Gozo).

This 22nd February, 2008.

FRANCIS ATTARD
For the Registrar, Gozo Courts and Tribunals

337

Ikun jaf kulħadd illi l-Bord li Jirregola l-Kera, permezz ta' digriet mogħti fit-18 ta' Jannar 2008, fl-atti tar-Rikors Numru 6/07 GG, fl-ismijiet Robert Tonna versus Mary Abdilla, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimata Mary Abdilla, a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' Rikors ippreżentat fil-Bord li Jirregola l-Kera, fl-ismijiet Robert Tonna (ID 887851M) vs Mary Abdilla (ID 0479648M) fis-16 ta' Jannar 2007, ir-rikorrenti Robert Tonna, espona bir-rispett;

Illi huwa jikri lill-intimata l-fond 33, Flat 8, St. Francis Street, Floriana, bil-kera ta' €55.90 (Lm24.00), fis-sena jitħallas bl-lura.

Illi l-intimata ilha ma tħallas il-kera in kwistjoni mis-sena 1999 u barra minhekk minħabba n-nuqqas ta' manutenzjoni ordinarja, saret ħsara strutturali u perikoluża.

It is hereby notified, that the Rent Regulation Board, by means of a decree given on the 18th January 2008, in the records of the Application No. 6/07 GG, in the names Robert Tonna versus Mary Abdilla, ordered the following publication for the purpose of service of the respondent Mary Abdilla, in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

By means of an Application filed in the Rent Regulation Board, in the names Robert Tonna (ID 887851M) vs Mary Abdilla (ID 0479648M) on the 16th January 2007, the applicant Robert Tonna, pleaded with respect:

That he grants on lease to the respondent the premises 33, Flat 8, St. Francis Street, Floriana, towards the rent of €55.90 (Lm24.00) per annum paid in arrears.

That the respondent has not paid the rent in question from the year 1999 and apart from this due to the lack of ordinary maintenance, structural and dangerous damage was made.

Għaldaqstant l-esponent umilment jitlob li dan il-Bord jogħġbu:

Jawtorizza lill-esponent jirriprendi l-pussess tal-fond fuq imsemmi fl-iskadenza tat-terminu korrenti u għall-fini tal-iżgumbrament jiffissa lill-intimat żmien qasir u perentorju.

Bl-ispejjeż.

Rikorrenti: Sa Maison Retirement Home, 22, Triq ix-Xatt, Pietà.

Intimat: 33, Flat 8, St. Francis Street, Floriana.

Ir-Rikors Nru 6/07GG, fl-ismijiet Tonna Robert vs Mary Abdilla, jinsab differit għas-smigħ għall-Erbgħa, 2 ta' April 2008, fid-9.00 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum, 22 ta' Frar 2008.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Thus the applicant humbly asks that this Honourable Board:

Authorises the applicant to take possession of the premises above mentioned at the termination of the current term and for the purposes of eviction fixes a short and peremptory period for the respondent to be evicted.

With costs.

Applicant: Sa Maison Retirement Home, 22, Marina Street, Pietà.

Respondent: 33, Flat 8, St. Francis Street, Floriana.

The Application No. 6/07 GG, in the names Tonna Robert vs Mary Abdilla, has been put off to Wednesday 2, April 2008, at 9.00 a.m.

Registry of the Superior Courts, today 22nd February 2008.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

338

Ikun jaf kulħadd, illi l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, permezz ta' digriet mogħti fis-6 ta' Diċembru, 2007, fl-atti taċ-Ċitazzjoni Nru 132/2005 RCP, fl-ismijiet Jennifer Zahra (ID 4811076 (M)) kontra Ian Bonello, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-konvenut Ian Bonello, a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' Ċitazzjoni Nru. 132/05 RCP, ippreżentata fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fl-4 ta' Frar 2005, fl-ismijiet Jennifer Zahra (ID 4811076 (M)) kontra Ian Bonello, Jennifer Zahra (ID 4811076 (M)) talbet lill-Qorti biex:

1. Tiddikjara u tiddeċiedi li l-għerusija bejn il-partijiet ġiet itterminata unilateralment mill-konvenut mingħajr ebda ġusta kawża u għall-ħtija imputabbli lill-konvenut;

2. Tiddikjara li l-attriċi sofriet danni inġenti tort uniku tal-konvenut kif se tkun ippruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża;

3. Tiddikjara lill-konvenut responsabbli għad-danni sofferti mill-attriċi;

4. Tillikwida d-danni sofferti mill-attriċi okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi;

5. Tordna lill-konvenut iħallas lill-attriċi dik is-somma hekk likwidata bħala danni minn din l-Onorabbli Qorti;

It is hereby notified, that the Civil Court First Hall, by means of a decree given on the 6th December, 2007, in the records of the Writ of Summons No. 132/05 RCP, in the names of Jennifer Zahra (ID 4811076 (M) against Ian Bonello, ordered the following publication for the purpose of service of the defendant Ian Bonello, in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

By means of a Writ of Summons No. 132/05 RCP, filed in the Civil Court First Hall on the 4th February 2005, in the names Jennifer Zahra (ID 4811076 (M)) against Ian Bonello, Jennifer Zahra (ID 4811076 (M)) requested the Court to:

1. Declare and decide that the betrothal between the parties was terminated unilaterally by the defendant without reasonable cause and through the fault of the defendant;

2. Declare that the plaintiff suffered huge damages through the sole fault of the defendant as will be proved during the hearing of the case;

3. Declare the defendant responsible for the damages suffered by the plaintiff;

4. Liquidate the damages suffered by the plaintiff if necessary by means of a report by experts to be nominated;

5. Order the defendant to pay the plaintiff the sum so liquidated as damages by this Honourable Court;

6. Tordna lill-konvenut jirrestitwixxi lill-attriċi dawk ir-rigali kollha li hija rregalatlu matul l-għerusija.

Bl-ispejjeż …omissis...

Lista ta' Xhieda

Lista ta' dokumenti

Notifika: Ian Bonello, 63, Flat 1 Lovis, Triq Borg, Fleur de Lys, Birkirkara.

Iċ-Ċitazzjoni Nru 132/2005 RCP, fl-ismijiet Zahra Jennifer (ID 4811076 (M) kontra Bonello Ian, tinsab iddiferita għall-15 ta' April 2008 fid-9.00 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 22 ta' Frar 2008.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

6. Order the defendant to return to the plaintiff those gifts that she gave him during their betrothal.

With costs …omissis…

List of Witnesses

List of documents

Notify: Ian Bonello, 63, Flat 1 Lovis, Triq Borg, Fleur de Lys, Birkirkara.

The Writ of Summons number 132/2005 RCP, in the names of Jennifer Zahra (ID 4811076 (M) against Ian Bonello, has been put off to the 15th April 2008 at 9.00 a.m.

Registry of the Superior Courts, today 22th February 2008.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

339

Ikun jaf kulħadd, illi b'digriet tat-18 ta' Frar 2008, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, ordnat il-pubblikazzjoni tal-bandu li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' l-Artikolu 931(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Marixxall tal-Qorti

Billi b'digriet mogħti minn din il-Qorti fit-18 ta' Frar 2008, fuq talba ta' Dott. Luigi A. Sansone noe ġie ordnat biex jintgħażlu kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lil STUMAR P/C ETS H B A, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat nru 167/08GV fl-ismijiet Dr Luigi A. Sansone noe vs. Kuraturi Deputati u fl-atti l-oħra relattivi u sussegwenti.

Permezz ta' Rikors maħluf ippreżentat fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet Avukat Dottor Luigi A. Sansone LL.B.(Hons), LL.D., detentur tal-karta ta' identità numru 258269 ittra "M", bħala mandatarju speċjali ta' PRADA S.A., soċjetà estera ta' nazzjonalità mil-Lussemburgu, bis-sede legali tagħha f'23 rue Aldringen, L-1118 Luxembourg, fil-15 ta' Frar 2008, ir-rikorrenti nomine talab lil din l-onorabbli Qorti:

(1) tiddikjara li l-oġġetti konsistenti f'kwantitajiet ta' basktijiet ...omissis...li jinsabu preżentement miżmuma taħt l-awtorità tal-Kontrollur tad-Dwana wara li huwa kien sab li l-container INKU 2495739 kien fih l-imsemmija oġġetti, jikkontravvjenu d-drittijiet dwar proprjetà intellettwali tas-soċjetà attriċi;

It is hereby notified, that by means of a decree of the 18th February 2008, the First Hall Civil Court ordered the publication of the bann which appears hereunder for the purpose of Article 931(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Chapter 12).

Bann for Curators

Republic of Malta

To the Marshall of the Court

Whereas by a decree given by this Court on the 18th February 2008, following a request by Dr Luigi A. Sansone noe it was ordered that Deputy Curators be chosen to represent the respondent commercial company STUMAR P/C ETS H B A, in the records of the Sworn Application 167/08GV, in the names Dr Luigi A. Sansone noe vs. Deputy Curators and in the relative and subsequent acts.

By means of the Sworn Application filed in the First Hall Civil Court in the names Dr. Luigi A. Sansone LL.B.(Hons), LL.D., holder of Identity Card number 258269 letter "M", as special mandatary of the foreign company PRADA S.A., foreign commercial company, a national of Luxembourg, with its registered office at 23 rue Aldringen, L-1118 Luxembourg, on the 15th February 2008, the applicant nomine asked this Honourable Court to:

(1) Declare that the objects consisting in wrist hand bags...omissis...which at present are under the authority of the Comptroller of Customs after he suspended the release of container INKU 2495739 which contained the said objects, contravened the intellectual property rights of the plaintiff company;

(2) tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiddisponi minn tali oġġetti 'l hinn mill-kanali tal-kummerċ b'dak il-mod li jipprekludu xi ħsara lis-soċjetà attriċi jew tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiddistruġġi dawk l-oġġetti, f'kull każ mingħajr ebda kumpens lill-, u għas-spejjeż tal-konvenuta;

(3) tieħu jew tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jieħu dwar dawk l-oġġetti, kull miżura oħra li jkollha l-effetti li effettivament iċċaħħad lill-konvenuta mill-benefiċċji ekonomiċi tat-transazzjoni;

(4) tordna li l-konvenuta għandha tbati l-ispejjeż kollha konnessi mal-miżuri ordnati ...omissis...

Bl-ispejjeż, kontra l-konvenuta li tibqa' minn issa inġunta għas-subizzjoni tagħha.

Lista ta' Xhieda

Elenku ta' dokumenti

Attur nomine Dottor Luigi A. Sansone LL.B.(Hons), LL.D., detentur tal-karta ta' identità numru 258269 ittra "M", bħala mandatarju speċjali ta' PRADA S.A., soċjetà estera ta' nazzjonalità mil-Lussemburgu, bis-sede legali tagħha f'23 rue Aldringen, L-1118 Luxembourg.

84, Melita Street, Valletta VLT 12.

Konvenuta Kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lil STUMAR P/C ETS H B A ta' Route du Port, Rades 2040, Tuneżija –il-Qorti, il-Belt Valletta, VLT 1120 (żewġ kopji).

Inti għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti Superjuri, u ssejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala Kuratur biex jidher fi żmien sitt ijiem f'dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Int ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħżel Kuratur ta' l-Uffiċċju.

U wara li tkun għamilt dana, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-eżekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti Ċivili Prim'Awla hawn fuq imsemmija bix-xhieda ta' l-Onor. Imħallef Giannino Caruana Demajo LL.D.

Illum 18 ta' Frar, 2008.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 22 ta' Frar 2008.

AVV DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

(2) order the Comptroller of Customs to dispose of the said objects outside the channels of trade in such a manner as to preclude any damage to the plaintiff company or order the Comptroller of Customs to destroy those objects, in any case without any compensation to, and at the cost of the defendant;

(3) to take or order the Comptroller of Customs to take as regards those objects any other measures that shall have the effect to deprive the defendant from the economic benefits of the transaction;

(4) order the defendant to bear all the costs connected with the ordered measures ...omissis...

With costs against the defendant who is from now summoned so that a reference to its evidence may be made.

List of witnesses

List of documents

Plaintiff nomine Dr. Luigi A. Sansone LL.B.(Hons), LL.D., holder of Identity Card number 258269 letter "M", as special mandatary PRADA S.A, a foreign commercial company, a national of Luxembourg with its registered office at 23 rue Aldringen, L-1118 Luxembourg.

84, Melita Street, Valletta VLT 12.

Defendant Deputy curators to represent STUMAR P/C ETS H B A of Route du Port, Rades 2040, Tunisia – Courts of Justice, Valletta (two copies).

You are therefore ordered to affix an official copy of this bann of this Superior Court and to summon whosoever wishes to act as curator to appear before this Registry within six days and by means of a minute to submit a declaration that he wishes so to act.

You are also ordered to inform each one that if he fails to make this declaration within the stipulated time, the Court will proceed to the selection of curators of office.

And after so acting or if you should encounter any difficulty in the execution of the said bann, you are to inform forthwith this Court.

Given by the Civil Court First Hall above mentioned with the witness of the Hon. Mr. Justice Giannino Caruana Demajo LL.D.,

Today 18th February, 2008.

Registry of the Superior Courts, today 22nd February 2008.

ADV. DR FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

340

Ikun jaf kulħadd, illi l-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili, permezz ta' digriet mogħti fid-29 ta' Settembru 2007, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 917/06 AF, fl-ismijiet Creations The Ultimate in Bathroom Elegance Limited (C-23867) kontra Samir R. u Sonal S., konjuġi Raichoora, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' l-intimati Samir R. u Sonal S., konjuġi Raichoora, a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' Rikors Ġuramentat, ippreżentat fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fl-ismijiet Creations The Ultimate in Bathroom Elegance Limited (C-23867) kontra Samir R. u Sonal S., konjuġi Raichoora, is-soċjetà Creations The Ultimate in Bathroom Elegance Limited (C-23867), fid-9 ta' Ottubru 2006, …omissis…

Jgħidu għalhekk l-istess intimati l-għaliex m'għandhiex din l-Onorabbli Qorti, tiddikjara l-intimati huma debituri versu s-soċjetà rikorrenti fl-ammont ta' €25,434.80 (Lm10,919,16) rappreżentanti prezz ta' xogħlijiet ta' turnkey magħmul mis-soċjetà rikorrenti fuq inkarigu ta' l-intimati stess, inkluż it-taxxa fuq il-valur miżjud, u tikkundanna għar-raġunijiet hawn fuq premessi lill-istess intimati jħallsu dan l-ammont imsemmi.

Bl-ispejjeż …omissis..

Lista tax-Xhieda

Lista ta' dokumenti esebiti

Notifika: Samir R. u Sonal S., konjuġi Raichoora - Fort St Angelo Mansions, Apartment 231, Block 2, Vittoriosa Mansions, Vittoriosa

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 22 ta' Frar 2008.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified, that the Civil Court First Hall, by means of a decree given on the 29th September 2007, in the records of the Sworn Application No. 917/06 AF, in the names Creations The Ultimate in Bathroom Elegance Limited (C-23867) against Samir R. and Sonal S., spouses Raichoora, ordered the following publication for the purpose of service of the respondents Samir R. and Sonal S., spouses Raichoora, in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

By means of a Sworn Application, filed in the Civil Court First Hall, in the names Creations The Ultimate in Bathroom Elegance Limited (C-23867) against Samir R. and Sonal S, spouses Raichoora, the company Creations The Ultimate in Bathroom Elegance Limited (C-23867) on the 9th October 2006, …omissis…

Thus the said respondents are to say why this Honourable Court should not declare that the defendants are debtors of the applicant company in the amount of €25,434.80 (Lm10,919.16) representing the price of turnkey works made by the applicant company on instructions of the said respondents, including value added tax, and condemn for the reasons above mentioned, the same respondents to pay the said amount.

With costs …omissis..

Witnesses

List of exhibited documents

Notify: Samir R. u Sonal S., konjuġi Raichoora - Fort St Angelo Mansions, Apartment 231, Block 2, Vittoriosa Mansions, Vittoriosa.

Registry of the Superior Courts, today 22 February 2008.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

341

B'digriet mogħti mill-QORTI ĊIVILI, PRIM' AWLA fi 22 ta' Frar, 2008 fuq rikors ta' FOGG INSURANCE AGENCIES LTD ġie ffissat il-jum ta' l-Erbgħa, 21 ta' Mejju, 2008 mid-9.00 a.m. sa nofsinhar għall-BEJGĦ BL-IRKANT li kien ġie ordnat b'digriet ta' 22 ta' Frar, 2008 li għandu jsir f' 149 TRIQ ID-DEJQA VALLETTA, tal-oġġetti hawn taħt deskritti maqbudin mingħand BRAY HILDA ET.

Sufan u żewġ pultruni, wall unit, showcase, humidifier, corner, computer u television.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum il-Ġimgħa, 22 ta' Frar, 2008.

MICHAEL PORTELLI
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

By decree given by the CIVIL COURT, FIRST HALL on 22 February, 2008 on the application of FOGG INSURANCE AGENCIES LTD, Wednesday, 21 May, 2008 from 9.00 a.m. to twelve noon, has been fixed for the SALE BY AUCTION ordered by a decree given on the 22 February, 2008 to be held at 149 STRAIT STREET, VALLETTA, of the following items seized from the property of BRAY HILDA ET.

Sofa and two armchairs, wall unit, showcase, humidifier, corner, computer and television.

Registry of the Superior Courts, this Friday, 22 February, 2008.

MICHAEL PORTELLI
For the Registrar of Civil Courts and Tribunals

342

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) permezz ta' digriet mogħti fit-22 ta' Frar 2008, fl-atti ta' l-ittra uffiċjali numru 478/08, fl-ismijiet Middle Sea Insurance plc vs Jesmond Pulo et, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' l-intimati, a tenur ta' l-artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' ittra uffiċjali ppreżentata fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) lil Jesmond Pulo, Marisa Pulo, Perit Geoffrey Agius Scicluna u Clive Micallef ta' 168, Dar il-Hena, Villambrosa Street, Ħamrun, fl-4 ta' Frar 2008, Middle Sea Insurance plc (C5553) ta' 190, Marina Street, Pietà kif surrogat fid-drittijiet ta' l-assigurat tagħha Carmelo Saydon abbażi tal-polza ta' assigurazzjoni u tal-liġi u l-istess Carmelo Saydon (ID300326M), filwaqt li tagħmel riferenza għall-inċident li ġara fis-7 ta' Frar 2006 f'St Mary Street, Birkirkara, u d-danni konsegwenzjali li b'riżultat tiegħu ġiet distrutta l-vettura Fiat Punto numru ta' reġistrazzjoni JBA-895 proprjetà tal-mittenti Carmelo Saydon, jinterpellawkom sabiex tħallsu s-somma ta' €3,884.23 (Lm1,667.50) rappreżentanti d-danni u spejjeż relattivi sofferti mill-mittenti b'riżultat ta' l-inċident fuq imsemmi, oltre għall-imgħax relattiv mit-2 ta' Ġunju 2006 sad-data tal-effettiv pagament.

Fin-nuqqas milli tottemperaw ruħkom minn din l-intima fi żmien jumejn sejrin jittieħdu proċeduri ulterjuri kontra tagħkom skond il-ligi.

Tali ittra qiegħda tintbagħat ukoll għal fin tal-Kap. 16 tal-liġijiet ta' Malta.

Tant biex tagħrfu timxu u tirregolaw ruħkom.

Bl-ispejjeż.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) illum 25 ta' Frar 2008.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that the Court of Magistrates (Malta) by means of a decree given on the 22nd February 2008, in the records of the judicial letter number 478/08, in the names Middle Sea Insurance plc vs Jesmond Pulo et, ordered the following publication for the purpose of service of the respondents, in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

By means of a judicial letter filed in the Court of Magistrates (Malta) against Jesmond Pulo, Marisa Pulo, AIC Geoffrey Agius Scicluna and Clive Micallef of 168, Dar il-Hena, Villambrosa Street, Ħamrun, on the 4th February 2008, Middle Sea Insurance plc (C5553) of 190, Marina Street, Pietà as subrogated in the rights of its insured Carmelo Saydon on the basis of the insurance policy and of law and the same Carmelo Saydon (ID300326M), whilst refering to the accident that occured on the 7th February 2006 in St Mary Street, Birkirkara, with the result of the damagaes caused by the accident the vehicle Fiat Punto registration number JBA-895 was destroyed, they call upon you so that you pay the sum of €3,884.23 (Lm1,667.50) representing the damages and the relative costs caused to the interpellant resulting from the accident above mentioned, and also the relative interest from the 2nd June 2006 till the date of effective payment.

If you fail to abide with this demand within two days, legal proceding will be taken against you according to law.

The judicial letter is being sent for all effects and purposes of Chapter 16 of the Laws of Malta.

So much so that you may know how to proceed and regulate yourself.

With costs.

Registry of the Court of Magistrates (Malta) today 25th February 2008.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

343

Ikun jaf kulħadd, illi l-Qorti ta' l-Appell, permezz ta' digriet mogħti fl-20 ta' Frar 2008 fl-atti tar-Rikors ta' l-Appell Ċit. Nru. 1006/94 NC, fl-ismijiet Charles Attard (ID 736336 (M) bħala soċju fis-soċjetà en nom collectif Attard Brothers, u l-istess Charles Attard għan-nom tas-soċjetà Attard Brothers li b'digriet tad-19 ta' Mejju 2005 ġie awtorizzat jintervjeni fil-kawża kontra Charmaine Vella u Gerald Vella, żewġha, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' l-intimati Gerald Vella, a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap 12.

It is hereby, notified that the Court of Appeal, by means of a decree given on the 20th February 2008, in the records of the Application of Appeal No. 1006/94 NC, in the names Charles Attard (ID 736336 (M) as partner in the partnership en nom collectif Attard Brothers, and the same Charles Attard on behalf of the partnership Attard Brothers who by decree of the 19 of May 2005, was authorised to intervene in the cause against Charmaine Vella and Gerald Vella, her husband, ordered the following publication for the purpose of service of the respondent Gerald Vella, in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

Permezz ta' Rikors ta' l-Appell Ċit. Nru. 1006/94 NC, fl-ismijiet Charles Attard (ID 736336 (M) bħala soċju fis-soċjetà en nom collectif Attard Brothers, u l-istess Charles Attard għan-nom tas-soċjetà Attard Brothers li b'digriet tad-19 ta' Mejju 2005 ġie awtorizzat jintervjeni fil-kawża kontra Charmaine Vella u Gerald Vella, żewġha, l-istess appellant jgħid bil-qima:

Illi permezz ta' ċitazzjoni ppreżentata fl-4 ta' Awissu 1994, l-attur appellant wara li ppremetta:

Illi l-konvenuta bħala impjegata tas-soċjetà en nom collectif Attard Brothers …omissis.. ikkommettiet ħafna ħwejjeġ li għamlu ħsara lill-istess soċjetà …omissis.

Omissis…

Illi permezz ta' sentenza datata 31 ta' Mejju 2007, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fil-kawża fl-ismijiet premessi ddeċidiet billi laqgħet l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti appellati u lliberathom mill-osservanza tal-ġudizzju … omissis.

Illi l-esponent ħass ruħu aggravat b'din id-deċiżjoni, u permezz tal-preżenti qiegħed jinterponi umili appell minn din id-deċiżjoni tal-31 ta' Mejju 2007.

Omissis…

Illi d-deċiżjoni ta' l-ewwel Onorabbli Qorti jidher li straħet kompletament fuq ir-riżultanzi tal-perit legali … omissis.

Omissis…

Illi l-konstatazzjoni tal-perit legali f'dan ir-rigward hija żbaljata minn tliet aspetti ġuridiċi …omissis…

Omissis…

Illi l-esponent isostni l-kuntrarju għall-konklużjonijiet raġġunti kemm mill-ewwel Qorti u kif ukoll mill-abbli perit legali. Fil-każ ta' soċjetà en nom collectif, kull soċju għandu interess li jippromwovi azzjoni mhux neċessarjament f'isem is-soċjetà, iżda f'ismu biex iħares l-interessi tiegħu qua responsabbli personalment in subsidium wara li tiġi eskussa l-proprjetà tas-soċjetà ...omissis…

...Omissis…

Għaldaqstant in vista tas-suespost u għar-raġunijiet imsemmija, l-esponent qiegħed jinterponi appell mid-deċiżjoni tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili Ċitazzjoni Numru

By means of the Application of Appeal, Writ of Summons 1006/94 NC, in the names Charles Attard (ID 736336 (M) as partner in the partnership en nom collectif Attard Brothers, and the same Charles Attard on behalf of the partnership Attard Brothers who by decree of the 19 of May 2005, was authorised to intervene in the cause against Charmaine Vella and Gerald Vella, her husband, the same appellant declares with respect:

That by means of Writ of Summons filed on the 4th August 1994, the appellant plaintiff after having premised that:

The defendant as an employee of the partnership en nom collectif Attard Brothers …omissis... committed a lot of things which caused harm to the same partnership … omissis.

Omissis…

That by means of the judgement dated 31 May 2007, the First Hall of the Civil Court in the cause in the premised names decided by upholding the first plea of the appealed defendants and freed them from the observance of the judgement…omissis.

That the exponent felt aggrieved by this decision, and by means of this act is humbly appealing from this decision of the 31 May 2007.

Omissis..

That the decision of the first Honourable Court seems to have rested completely on the conclusions of the legal expert …omissis.

Omissis…

That the declaration by the legal expert is mistaken from three legal aspects …omissis…

Omissis…

That the exponent argues to the contrary of the conclusions reached both by the first Court as well as the able legal expert. In the case of a partnership en nom collectif, every partner has an interest to promote an action not necessarily in the name of a partnership, but in his name to protect his interests as being personally responsible in subsidium after the discussion of the property of the partnership…omissis…

...Omissis…

Therefore in view of the above and for the said reasons, the exponent is appealing the decision of the First Hall of the Civil Court Writ of Summons Number 1006/1994 NC,

1006/1994 NC, fl-ismijiet Charles Attard pro. et noe vs Charmaine Vella u Gerald Vella żewġha tal-31 ta' Mejju 2007 u bil-qima jitlobha jogħġobha tħassarha u tannullaha u dan billi tiċħad l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti appellati u tibgħat lura l-atti lill-ewwel Onorabbli Qorti, sabiex jiġi deċiż u determinat il-mertu, bl-ispejjeż skond il-liġi.

Notifika: Gerald Vella 'Marian' 178, Main Street, Balzan.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, (Appelli) illum 25 ta' Frar 2008.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

in the names of Charles Attard pro. et noe. vs Charmaine Vella and Gerald Vella, her husband, of the 31 May 2007 and respectfully prays her to rescind it and annul it by rejecting the first plea of the defendant appellants and to send back the acts to the first Honourable Court so that the merit be decided and determined, with costs according to law.

Notify: Gerald Vella 'Marian' 178, Main Street, Balzan

Registry of the Superior Courts, (Appeals) today 25th February 2008.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

344

Ikun jaf kulħadd, illi l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili permezz ta' digriet mogħti fit-30 ta' Awissu 2007, fl-atti ta' l-Ittra Uffiċjali numru 2692/07, fl-ismijiet Michael (ID 185155M) u Joanne (ID 75478M) konjugi Azzopardi vs Allegro Andante Limited, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tas-soċjetà Allegro Andante Limited, a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili

Illum 10 ta' Lulju 2006

Lil Allegro Andante Limited (C 24105)

Bil-preżenti ittra uffiċjali, Michael (ID 185155M) u Joanne (ID 75478M) konjugi Azzopardi, wara li jagħmlu riferenza għall-att ippubblikat minn Nutar Dottor Mario Bugeja, fis-sebgħa (7) ta' Frar tas-sena elfejn u sebgħa (2007), kopja ta' liema att qiegħda tiġi esebita..omissis…permezz ta' liema s-soċjetà Allegro Andante Limited, ikkostitwiet ruħha debitur, veru, ċertu u likwidu tal-mittenti fl-ammont ta' €56,487.30 (Lm24,250) restitwibbli sa mhux aktar tard mill-ħmistax (15) ta' April 2007, …omissis…

Il-mittenti, għalhekk jinterpellawkom sabiex fi tlett ijiem mid-data tan-notifika ta' din l-ittra uffiċjali, tħallsuhom is-somma ta' €56,487.30 (Lm24,250), oltre imgħaxijiet skond il-liġi fl-ammont ta'€1,003.77 (Lm430.92) li ddekorrew mis-sittax (16) ta' April 2007, sal-ħamsa (5) ta' Lulju 2007 …omissis… u b'imgħaxijiet ulterjuri sad-data tal-pagament effettiv…

Fin-nuqqas il-mittenti jgħarrfukom illi huma sejrin, mingħajr ebda pre-avviż ieħor jipproċedu kontra tagħkom skond il-liġi billi jgħaddu sabiex jenforzaw u jesegwixxu l-imsemmi titolu eżekuttiv tagħom, fosthom billi jintalab il-bejgħ taħt l-awtorità ta' din l-Onorabbli Qorti tal-proprjetà immobili bin-numru mija u tletin (130) fi Triq Spinola, San Ġiljan, bl-isem ta' Allegro Andante.

Din l-ittra uffiċjali qiegħda issir ai termini ta' l-Artikolu 256(2) tal-Kap. 12.

It is hereby notified that the Civil Court First Hall by means of a decree given on the 30th August 2007 in the records of the Judicial letter number 2692/07, in the names Michael (ID 185155M) and Joanne (ID 75478M) spouses Azzopardi vs Allegro Andante Limited, ordered, the following publication, for the purpose of service of the company Allegro Andante Limited, in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

In the First Hall Civil Court

Today 10th July 2006

To Allegro Andante Limited (C 24105)

By the present judicial letter, Michael (ID 185155M) and Joanne (ID 75478M) spouses Azzopardi , after referring to the public deed published by Notary Dr. Mario Bugeja, on the seventh (7) of February of the year two thousand and seven (2007), copy of which act is being exhibited … omissis… by means of which the company Allegro Andante Limited, constituted itself, a true, certain and liquid debtor of the interpellant, in the amount of €56,487.30 (Lm24,250) restitutible not later than the (15) of April 2007, ..omissis…

The interpellants, thus call upon you so that within three days from the service of this judicial letter you pay them the sum of €56,487.30 (Lm24,250), besides interest according to law in the amount of €1,003.77 (Lm430.92) which ran from the sixteenth (16) of April 2007, till the fifth (5) of July 2007, … omissis… and with further interest till the date of effective payment…

Failing which the interpellants, warn you that they shall, without any other prior notice proceed against you according to law by passing on, to enforce and execute their executive title, amongst which the sale under the authority of this Honourable Court of the immovable property with number one hundred and thirty (130) in Spinola Road, Saint Julian's, with the name Allegro Andante.

This judicial letter is being made in terms of Article 256(2) of Chapter 12.

Tant biex tagħrfu timxu.

Bl-ispejjeż.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 25 ta' Frar 2008.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

So much so that you may know how to regulate yourselves.

With costs.

Registry of the Superior Courts, today 25th February 2008.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar Civil Courts and Tribunals

345

Billi Giovanna Lopez, b'rikors li ppreżentat, fil-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja) fid-29 ta' Ottubru 2007, talbet il-ħatra ta' kuratur sabiex jirrappreżentaw l-assenti Giuseppe magħruf bħala Joe Lopez, bin il-mejtin Goffredo u Ċettina neé Muscat, imwieled Floriana, u kien residenti, Sliema, u li kif jingħad ilu ma jidher f'Malta, mill-15 ta' Ġunju, 1987, bla ma ttieħdu aħbarijiet tiegħu.

Kull min għandu aħbarijiet li l-imsemmi Joe Lopez, għadu ħaj, huwa mitlub li jagħtihom lir-Reġistratur tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja) sabiex din il-Qorti tkun taf bihom, fi żmien xahar, li jibda jgħodd minn dak inhar li joħroġ dan l-editt fil-Gazzetta tal-Gvern.

B'ordni tal-Qorti hawn fuq imsemmija.

Reġistru tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Voluntarja) illum 25 ta' Frar 2008.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Whereas Giovanna Lopez, by an application, filed in the Civil Court (Voluntary Jurisdiction Section) on the 29th October 2007, prayed that a curator be appointed to represent the absent Giuseppe known as Joe Lopez, son of the late Goffredo and Ċettina neé Muscat, born in Floriana, and who resided in Sliema, and as known has not appeared in Malta, since the 15th June 1987, without any new of him being heard.

Whosoever has any news that the said Joe Lopez is alive, is asked to pass them on to the Registrar Civil Courts (Voluntary Jurisdiction Section) so that the Court shall know about them, within one month, which is to run from that day that this edict shall be published in the Government Gazette.

By order of the Court above mentioned.

Registry of the Civil Courts (Voluntary Jurisdiction Section) today 25th February 2008.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

346

B'digriet mogħti mill-QORTI ĊIVILI, PRIM AWLA fid-19 ta' Frar, 2008 fuq rikors ta' ATLAS INSURANCE AGENCY LTD ġie ffissat il-jum ta' l-Erbgħa, 9 ta' April, 2008 mid-9.00 a.m. sa nofsinhar għall-BEJGĦ BL-IRKANT li kien ġie ordnat b'digriet tad-19 ta' Frar, 2008 li għandu jsir f'149, TRIQ ID-DEJQA, VALLETTA, ta' l-oġġetti hawn taħt deskritti maqbudin mingħand DELIA JOSEPH.

Ford Transit bin-numru tar-reġistrazzjoni EAG 473.

Registru tal-Qrati Superjuri, illum il-Ħamis, 21 ta' Frar, 2008.

MICHAEL PORTELLI
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

By decree given by the CIVIL COURT, FIRST HALL on 19th February, 2008 on the application of ATLAS INSURANCE AGENCY LTD, Wednesday, 9th April, 2008 from 9.00 a.m. to twelve noon, has been fixed for the SALE BY AUCTION ordered by a decree given on the 19th February, 2008 to be held at 149 STRAIT STREET, VALLETTA of the following items seized from the property of DELIA JOSEPH.

Ford Transit with registration number EAG 473.

Registry of the Superior Courts, this Thursday, 21st February, 2008.

MICHAEL PORTELLI
For the Registrar of Civil Courts and Tribunals

L-ammonti bil-lira Maltija huma bbażati fuq ir-rata ta' €1=Lm0.429300 u huma għal użu ta' informazzjoni biss
Values displayed in Maltese lira are based on the rate of €1=Lm0.429300 and are for information purposes only

Ippubblikat mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern — *Printed at the Government Printing Press*